**Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**Il-Pjan tat-Tliet Snin**

**2011 - 2013**

**Werrej**

Introduzzjoni u Analizi tas-Sitwazzjoni

Il-'Mission statement' u l-Valuri

Ghanijiet, Rizultati Mistennija u Strateiji

Analizi tal-hidma tal-Kunsill

Zvilupp Kapitali 0

Għalkemm forsi ħafna jistgħu ikunu tal-fehma illi dan il-Kunsill seta' għamel ħafna aktar, ftit huma dawk illi jafu l-limitazzjonijiet finanzjarji li kull Kunsill għandu. Bir-riżorsi limitati li għandu il-Kunsill Lokali ħadem sabiex għas-snin 2011-2013 ġewwa l-lokalita' ta' Marsaxlokk jitwettqu numru ta' proġetti illi l-lokalita' għandha bżonn. Naturalment ix-xewqa tal-Kunsill Lokali hija illi jsir ferm aktar xogħol. Madanakollu minħabba l-limitazzjonijiet li għandu l-Kunsill kellna neliminaw xi inizjativi u niffokaw aktar fuq il-prijoritajiet.

L-aktar qasam illi l-Kunsill Lokali ser jinvesti fih huwa dak ta' l-infrastruttura fejn matul it-tliet snin ġie ppjanat illi jsir xogħol fuq numru ta' toroq ġewwa Marsaxlokk. Minbarra dan, il-Kunsill qiegħed jippjana illi jivesti f'oqsma bħalma huma l-Edukazzjoni u l-Kultura b'diversi korsijiet jittellgħu fuq inizjativa tal-Kunsill Lokali.

Wieħed ma jridx jinsa' illi dan ir-rapport ma jinkludix ħidma illi l-Kunsill Lokali jwettaq bi spiża ta' eluf ta' ewro relatata ma dmirijiet tal-Kunsill Lokali. Dawn jinkludu fost l-oħrajn spejjeż relatati ma' ġbir ta' skart, knis u żamma ta' ġonna flimkien ma' spejjeż oħra ta' manutenzjoni ta' toroq, bankini, tabelli u sinjali tat-toroq eċċ.

Bir-riformi li seħħu fil-liġijiet tal-Kunsilli Lokali matul l-2009, bosta Kunsilli Lokali inkluż dak ta' Marsaxlokk ġew affettwati u kellhom jagħmlu bidliet radikali saħansitra fil-mod ta' kif joperaw. Għaldaqstant it-tfassil ta dan il-pjan kellu jieħu in-konsiderazzjoni anke liġijiet ġodda li ġew introdotti flimkien ma' proċeduri oħra.

Madanakollu, il-Kunsill ħaseb tajjeb illi bil-ħidma li qiegħda tiġi ppjanata ikun għaqli bżżejjed biex jimplimeta inizjativi illi ma jkunux ta' piż fuq il-likwidita' finanzjarja tal-Kunsill.

Minbarra ħidma fuq proġetti pero' il-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed jaħdem sabiex fejn ikun possibbli itejjeb is-servizz illi jiġi offrut lir-residenti. Mingħajr ma' nidħol f'ħafna dettall ngħid illi għalkemm is-servizz huwa wieħed tajjeb ħafna, il-Kunsilliera, flimkien ma' l-impjegati, ser ikunu qiegħdin jagħmlu dak kollu possibbli sabiex matul it-tliet snin li ġejjin ir-residenti u kull min jitlob l-għajnuna tal-Kunsill Lokali jingħata l-aħjar servizz possibbli.

Nagħlaq din l-introduzzjoni billi nittama illi apparti l-proġetti illi ser jissemmew matul dan il-pjan ta' ħidma il-Kunsill ikollu l-ħila jikseb fondi ulterjuri minn skemi li jinħarġu minn żmien għal żmien mill-Gvern Ċentrali sabiex matul it-tliet snin ikkonċernati inwettqu aktar proġetti illi l-għan ewlieni tagħhom ikun għall-ġid ta' Marsaxlokk .

*Stephen Caruana*
*Sindku*

## 2.1 Il-'Mission Statement'

L-ghan principali ta' dan il-Kunsill matul it-tliet snin li gejjin huwa li, permezz ta' konsultazzjoni mar-residenti, jkun ta' servizz kontinwu ghall-istess residenti ta' Marsaxlokk waqt li jamministra bl-ahjar mod possibbli r-rizorsi finanzjarji tieghu.

Barra minn dan il-Kunsill jikkommetti ruħu wkoll li jistudja jiddikuti u jimplimenta l-bżonnijiet infrastrutturali tal-lokalita'. Matul is-snin li ġejjin il-Kunsill ser ikun qieghed jfittex finanzjament sabiex jirrijabilita' siti storiċi u ta' interess kulturali illi ghandhom jghinu sabiex nattiraw aktar investiment mis-settur tat-turiżmu lejn Marsaxlokk.

Dan mingħajr ma jiġi traskurat l-aspett soċjali u edukattiv illi l-Kunsill jemmen illi huma l-qafas ta' soċjeta' b'futur prosperu.

## 2.2 Il-Valuri

Il-valuri li jhaddan dan il-Kunsill huma:

1) li jkabbar kemm jista' jkun il-gid tal-kommunita' kollha waqt li jirrispetta l-bzonnijiet ta' ndividwi u setturi partikulari;

2) li jikkonsulta lill-membri kollha tal-komunita li jirrapprezenta u jipprova jsolvi l-ilmenti kollha li huma jressqu waqt li jistenna li jkun konsultat mill-awtoritajiet koncernati;

3) li jirrispetta l-ambjent u l-wirt kulturali u storiku ta' Marsaxlokk;

4) li jkun gust u trasparenti fl-amministrazzjoni tieghu

5) li jipprovdi u jircievi l-ahjar servizz possibbli

6) li jsaħħah relazzjonijiet tajba ma' l-iblet u l-irħula tal-madwar sabiex jikseb ir-rispett lejn iċ-ċittadini tal-lokalita'

### 3.1 Ghanijiet u rizultati mistennija fl-ewwel sena (2011)

- **Uffiċċju Amminsitrattiv**

*Ghanijiet*

Konxju mill-fatt illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali żdiedilha ġmielu ix-xogħol, il-Kunsill ħass illi kellhom jiġu implimentati passi sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' l-impjegati. Għal dan il-għan matul l-2011 huwa maħsub illi jiġu implimentati diversi miżuri fosthom sistemi ta' *digital archiving*, sistemi ġodda ta' kif tiġġi proċessata l-posta, integrar aħjar ta' l-impjegati fit-teħid ta' deċiżjonijiet sabiex kulhadd ikun jaf aħjar xi jkun qiegħed isir, xiri ta' apparat sabiex l-impjegati jkollhom l-aħjar għodda possibbli sabiex iwettqu ħidmiethom flimkien ma' titjib fis-sistemi eżistenti

*Riżultat mistenni*

L-għan ta' dawn l-inizjativi huwa illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill ikollha l-għodda neċessarja sabiex tkun tista' tleħħaq mal-volum tax-xogħol li huwa mistenni illi jitwettaq kwotidjanament. Barra minn dan il-Kunsill Lokali jemmen illi għandu jivesti bis-sħiħ fl-amministrazzjoni sabiex l-impjegati ikunu preparati sew għal xogħol li jista' jinqala' kawża ta' delegi ġodda fuq il-Kunsilli Lokali

- **Funtana f'Xatt is-Sajjieda**

*Ghanijiet*

Sabiex ikompli jsebbaħ il-proġett li l-Gvern Ċentrali mistenni jimplimenta sa tmiem l-2011, il-Kunsill Lokali haseb illi fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali għandu jkun hemm xi haġa li tikkumplimenta l-proġett. Għal dan il-għan matul l-2011 huwa ppjanat illi ssir funtana illi qiegħed jiġi stmat li ser tiswa lill-Kunsill Lokali madwar sittin elf ewro.

*Riżultat mistenni*

Permezz ta' din l-inizjativa, il-Kunsill Lokali qiegħed jippjana illi l-proġett illi ser jiġi implimentat f'Xatt is-Sajjieda ikun wieħed ħolistiku u l-viżitaturi jingħataw stampa aħjar tal-lokalita'

### 3.2 Ghanijiet u rizultati mistennija fuq tlett snin (2012 u 2013):

**EDUKAZZJONI**

- Korsijiet offruti mill-Kunsill Lokali

*Ghanijiet*

Il-Kunsill Lokali jemmen illi l-edukazzjoni, kemm tat-tfal kif ukoll ta' l-adulti u l-anzjani hija l-qafas ta' soċjeta'. Għaldaqstant matul l-2012 u l-2013 qiegħed jippjana illi jtella numru ta' korsijiet għall-persuni ta' kull eta'. Dawn jinkludu fost l-oħrajn korsijiet ta' kompjuters u edukazzjoni bażika flimkien ma' diversi korsijiet ta' krafts li l-Kunsill Lokali ilu jtella' għal dawn l-aħħar snin.

*Riżultat mistenni*

L-għan ewlieni ta' din l-inizjativa huwa illi kull resident ta' Marsaxlokk jingħata l-opportunita' illi jespandi t-tagħrif u l-ħiliet tiegħu. Dan għandu jgħin sabiex ir-residenti tal-lokalita' ikollhom aktar kunfidenza fil-potenzjalita' tagħhom.

**INFRASTRUTTURA**

- Resurfacing ta' toroq

*Ghanijiet*

Wara illi ilu ghal dawn l-aħħar snin jippjana illi diversi toroq isirilhom wiċċ ġdid bit-tarmac, il-Kunsill Lokali qiegħed jippjana illi matul l-2012 isiru xogħolijiet fi Triq San Ġużepp, Triq iż-Żejtun, Triq Duncan Triq l-Imriekeb, Triq il-Wilġa u parti minn Xatt is-Sajjieda. Naturalment minbarra xogħol ta tarmac il-Kunsill Lokali ser ikun qiegħed jieħu ħsieb illi jkun hemm xogħolijiet fuq is-sistemi ta' l-ilma u d-drenaġġ sabiex kemm jista' jkun jiġi evitat illi jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-futur qarib. Dan ix-xogħol huwa ppjanat illi jiġi implimentat matul l-ewwel kwart ta' l-2012.

Riżultat mistenni

B'din il-ħidma il-Kunsill Lokali qiegħed jippjana illi ser ikun qiegħed itejjeb il-kwalita' ta' ħajja tar-residenti illi jabitaw fit-toroq kkonċernati u fil-madwar. Minbarra dan ser ikun qiegħed jitnaqqas l-inkonvenjent għas-sewwieqa illi jagħmlu użu minn dawn it-toroq għaliex naturalment l-istat tagħhom ser ikun ħafna aħjar minn dak preżenti.

- **Bankini**

*Għanijiet*

Il-Kunsill Lokali qiegħed jippjana illi matul l-ewwel kwart ta' l-2012 isir xogħol fuq il-bankini fiż-żona tal-Housing Estate. Huwa ppjanat illi isiru mill-ġdid il-bankini ta' ħames toroq f'din iż-żona flimkien ma' xogħol ta' manutenzjoni estensiva f'bankini oħra illi l-istat tagħhom ma' huwiex ħażin. Dan ix-xogħol qiegħed jiġi ppjanat illi jsir permezz ta' ħaddiema illi l-Kunsill għandu assenjati miegħu mill-IPSL u taħt skema ta' l-ETC.

*Riżultati mistennija*

Permezz ta' din l-inizjativa, il-Kunsill Lokali qiegħed jimmira illi jtejjeb il-faċilitajiet għall-pedonali. Dan peress illi l-istat preżenti tal-bankini kkonċernati mhux dejjem jipprovdu lok għal persuni li jkunu qiegħdin jagħmlu użu minn *wheelchairs* jew *pushchairs*. Barra minn hekk kawża ta' dislivelli li hemm f'ċerti każi ser tkun qiegħda tissolva l-problema ta' ilma li tinħoloq lil xi residenti hekk kif tagħmel ix-xita.

- **Playing field – Triq il-Wilġa**

*Għanijiet*

Il-Kunsill Lokali huwa konxju illi fil-lokalita' hawn diversi bżonnijiet iżda waħda mill-prijoritajiet għall-perjodu 2012-2013 ser tkun dik illi terġa' tinfetaħ playing field fi Triq il-Wilġa illi ingħalqet matul l-2011 fuq rakkomandazzjoni ta' l-MCCAAA minħabba nuqqas ta' sigurta' adegwata. Sabiex din il-ħolma timmaterjalizza il-Kunsill Lokali matul l-istess 2011 applika għal skema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li r-riżultat tagħha mistenni jitħabbar matul l-2012.

*Riżultati mistennija*

Mingħajr ebda dubju l-għan ewlieni ta' din l-inizjativa għandu jkun illi r-residenti tal-lokalita' flimkien ma'dawk illi jżuruha ikollhom post adegwat ta' rikrejazzjoni. Permezz ta' din il-playing field ser inkunu qiegħdin noffru spazju fejn il-familji jistgħu iqattgħu ftit tal-ħin mingħajr perikli għal uliedhom.

### 3.3 Strategiji

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrategiji li se jaddotta f'dawn it-tliet snin biex jizgura li l-oggettivi u l-pjanijiet li huwa ghamel jigu milhuqa. Dawn l-istrategiji huma mmirati biex jikkrejaw opportunitajiet godda u jevitaw sitwazzjonijiet li jistghu jkunu ta' theddida ghas-success tal-Kunsill.

L-istrategiji ghas-snin Jannar 2011 – Dicembru 2013 ghalhekk huma:

1) Li nizviluppaw relazzjonijiet kummercjali ma' kunsilli lokali ohrajn, dipartimenti tal-Gvern Ċentrali u anke kuntratturi privati biex nakkwistaw l-aħjar servizz possibbli bl-inqas spiża ghall-Kunsill;

2) Li ninkoraġġixxu djalogu, rispett u li naħdmu flimkien f'tim wieħed anke permezz ta' konsultazzjoni mar-residenti fuq materji importanti;

3) Li nuzaw l-ahjar metodi tekniċi ta' tmexxija u

4) Li ninvolvu lill-kommunitajiet residenzjali u kummerċjali fil-finanzjament ta' progetti kapitali u soċjali biex nikkrejaw diversi żviluppi ghall-benefiċċju li jitgawda fit-tul min-nies tar-raħal stess.

## 4.1 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill tizgura li l-Kunsill jahdem b'mod effettiv fl-amministrazzjoni tieghu.




L-istrategiji jigu decizi mill-Kunsill u ezegwiti mis-Sindku, mis-Segretarju Ezekuttiv, mill-*Assistant Principal* u mill-Uffiċjal Eżekuttiv

Barra minn hekk il-Kunsill jikkonsulta mal-partijiet konċernati qabel ma jiehu decizjoni finali.

Kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-Assistent Prinċipal u l-Uffiċjal qieghdin ghas-servizz tal-kunsilliera kollha u huma l-persuni li jagħmlu kuntatt mar-residenti f'isem il-Kunsill.

L-ilmenti kollha jigu rreġistrati u tittiehed azzjoni fl-inqas zmien possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli wkoll li jagħmel l-appuntamenti neċessarji tal-Kunsill ma' l-awtoritajiet kompetenti u li jghaddi l-messaggi relevanti lill-kunsilliera kollha.

Kull kunsillier għandu r-responsabilitajiet tiegħu li qiegħdin immqassmin hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Stephen Caruana | Sindku | Finanzi, Pulizija u Ġustizzja, Industrija tas-Sajd u Akwakultura, Kumitat Kongunt Tribunal Lokali, Sports, Media u Relazzzjonijiet Pubbliċi, Swieq fil-beraħ |
| Edric Micallef | Viċi Sindku | Żgħażagħ, Trasport u Traffiku, Relazzjonijiet ma' l-EU u Ġemellaġġi, Infrastruttura, Proġetti Kapitali, Edukazzjoni, Arkejoloġija, Editur tal-Fuljett tal-Kunsill Lokali |
| Steven Grech | Kunsillier | Haddiema assenjati mal-Kunsill Lokali, Self-Employed, Żvilupp Turistiku, Manutenzjoni tal-bajjiet, Latrini Pubbliċi, Tindif tat-toroq ( Inkluż il-knis), Anzjani, Tindif ta' Xatt is-Sajjieda |
| Remigio Cassar | Kunsillier | Kultura, Dwal tat-toroq, Ambjent ( inkluż tindif u kura tal-ġonna pubbliċi), Ġbir ta' skart domestiku, tindif wara l-monti ta' nhar ta' Hadd, jassisti f'attivitajiet soċjali |
| William Pomroy | Kunsillier | Attivitajiet Soċjali, Harsien Soċjali, Saħħa, Industrija tal-biedja, Jassisti f'relazzjonijiet ma' korporazzjonijiet u Dipartimenti Governattivi, jassisti f'relazzjonijiet ma' l-UE |

**4.2 Attivitajiet generali**

L-isforzi taghna li nkunu Kunsill efficjenti mhumiex limitati biss għall-organizazzjoni u l-kwalita' tas-servizz li noffru imma wkoll fid-diversi progetti kapitali u fix-xoghol tal-Kumitati li huwa ppjanat li jsir fit-tliet snin li ġejjin. Dawn jinkludu *resurfacing* u bankini f'diversi toroq, investiment qawwi fl-edukazzjoni, proġetti li jikkumplimentaw dak li qiegħed iwettaq il-Gvern Ċentrali f'Xatt is-Sajjieda u oħrajn. Naturalment dan ir-rapport ma' jinkludix ħidma li ser titwettaq permezz ta' fondi miksuba minn skemi illi jinħarġu mill-Gvern Ċentrali u ħidma oħra illi l-Kunsill iwettaq għaliex jinbidlu xi ċirkustanzi u jinghataw prijoritajiet lil sitwazzjonijiet li jistgħu eventwalment jinqalgħu.

L-attivitajiet prinċipali taghna u l-progress li għamilna f'diversi oqsma gew deskritti fl-ahhar rapport annwali. Is-Sindku, fl-introduzzjoni tieghu ghall-Pjan tat-Tliet Snin, iddiskuta l-progress fid-diversi servizzi moghtija mill-Kunsill lir-residenti.

Il-Kunsill qed jaghmel l-almu kollu tiegħu biex kemm il-kunsilliera kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill ikunu nfurmati fuq l-aħjar metodi ta' tmexxija f'dak li jirrigwarda it-tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill u biex inkunu dejjem iktar ta' servizz ghall-kommunita'.

Il-Kunsill qieghed joffri s-servizz ta' l-*internet* lir-residenti f'aktar minn żona waħda tal-lokalita'. Il-*web site* tal-Kunsill qiegħda isservi bhala sors ta' informazzjoni għall-pubbliku. Il-Kunsill qieghed jaħdem sfiq sabiex tinghata promozzjoni lir-raħal permezz ta' attivitajiet kulturali, religjużi u ta' divertiment. Qegħdin u ser inkomplu norganizzaw diversi korsijiet kemm tal-kompjuters kif ukoll ta' diversi suġġetti oħra li huma ta' nteress kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar.

Il-Kunsill iħossu responsabbli li jżid l-efficjenza u l-effettivita' tieghu biex itejjeb is-servizz li joffri lir-residenti tar-rahal. Ghalhekk qed naghmlu l-almu kollu taghna sabiex ikollna uffiċċju amministrattiv modern u effettiv li jkun xieraq għaż-żminijiet tal-lum.

Aħna lkoll fiduċjużi li, bil-mod il-mod qeghdin nittrasformaw lir-raħal ta' Marsaxlokk f'wieħed mill-aħjar lokalitatajiet f'Malta u Ghawdex bil-għajnuna tar-residenti u ta' kull min għandu interess siewi fil-lokalita' taghna.

***Duncan Hall***
***Segretarju Ezekuttiv***

## 5.1 L-Estmi Konsolidati tad-Dhul u l-Infiq

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | ATTWALI 2010 € | ESTMI 2011 € | ESTMI 2012 € | ESTMI 2013 € | ESTMI 2011 - 2013 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 330,238.92 | 319,173.00 | 322,364.73 | 325,588.38 | 967,126.11 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 42,332.28 | 13,300.00 | 13,653.00 | 13,806.53 | 40,759.53 |
| 0090 | L-Investiment | 380.32 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| 0100 | Generali | 470.00 | | | | |
| | TOTAL | 373,421.52 | 332,523.00 | 336,067.73 | 339,444.91 | 1,008,035.64 |
| 1 | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 76,265.20 | 83,620.00 | 85,160.40 | 86,731.61 | 255,512.01 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 228,048.32 | 235,013.00 | 239,713.26 | 244,507.53 | 719,233.79 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 499.00 | 78,300.00 | 13,300.00 | 13,300.00 | 104,900.00 |
| | TOTAL | 304,812.52 | 396,933.00 | 338,173.66 | 344,539.13 | 1,079,645.79 |
| | **Bilanc** | 68,609.00 | (64,410.00) | (2,105.93) | (5,094.23) | (71,610.16) |
| | **BROUGHT FORWARD** | 67,415.53 | 136024.53 | 71614.53 | 69508.6 | 136,024.5300 |
| | **CARRIED FORWARD** | 136024.53 | 71,614.53 | 69,508.60 | 64,414.37 | 64,414.37 |

## 5.2 L-Estmi tad-Dhul fid-dettall

| | | b | c | c-a | c-b | c-b |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | ATTWALI 2010 € | ESTMI 2011 € | ESTMI 2012 € | ESTMI 2013 € | ESTMI 2011 - 2013 € |
| 2 | Id-Dhul | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 320,238.92 | 319,173.00 | 322,364.73 | 325,588.38 | 967,126.11 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 10,000.00 | | | | |
| | | **330,238.92** | **319,173.00** | **322,364.73** | **325,588.38** | **967,126.11** |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Kontravenzjonijiet | 8,500.13 | 8,000.00 | 8,300.00 | 8,400.00 | 24,700.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Generali | 33,832.15 | 5,300.00 | 5,353.00 | 5,406.53 | 16,059.53 |
| | | **42,332.28** | **13,300.00** | **13,653.00** | **13,806.53** | **40,759.53** |
| 0090 | L-Investiment | | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 380.32 | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **380.32** | **50.00** | **50.00** | **50.00** | **150.00** |
| 0100 | Generali | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 470.00 | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | | | | | |
| | | 470.00 | | | | |
| | TOTAL | 373,421.52 | 332,523.00 | 336,067.73 | 339,444.91 | 1,008,035.64 |

## 5.3 L-Estmi ta' l-Infiq fid-dettall

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | b<br>ATTWALI<br>2010<br>€ | c<br>ESTMI<br>2011<br>€ | a-c<br>ESTMI<br>2012<br>€ | b-c<br>ESTMI<br>2013<br>€ | b-c<br>ESTMI<br>2011 - 2013<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | L-Infiq | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,300.00 | 6,500.00 | 6,630.00 | 6,762.60 | 19,892.60 |
| 1110 | Allowance tas-Sindku u Kunsilliera | 6,400.00 | 6,600.00 | 6,600.00 | 6,600.00 | 19,800.00 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 52,502.72 | 56,000.00 | 57,120.00 | 58,262.40 | 171,382.40 |
| 1300 | Bonus | 4,367.32 | 6,020.00 | 6,140.40 | 6,263.21 | 18,423.61 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Socjali | 3,781.31 | 4,700.00 | 4,794.00 | 4,889.88 | 14,383.88 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Saħħa | 2,913.85 | 3,800.00 | 3,876.00 | 3,953.52 | 11,629.52 |
| | | **76,265.20** | **83,620.00** | **85,160.40** | **86,731.61** | **255,512.01** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 11,906.73 | 13,640.00 | 13,912.80 | 14,191.06 | 41,743.86 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 3,904.82 | 7,300.00 | 7,446.00 | 7,594.92 | 22,340.92 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 13,743.02 | 28,650.00 | 29,223.00 | 29,807.46 | 87,680.46 |
| 2400 | Kera | 7,542.42 | 5,200.00 | 5,304.00 | 5,410.08 | 15,914.08 |
| 2500 | Shubija f'għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 555.00 | | | | |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 4,158.46 | 4,160.00 | 4,243.20 | 4,328.06 | 12,731.26 |
| 2700 | Trasport | 1,694.86 | 1,500.00 | 1,530.00 | 1,560.60 | 4,590.60 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | | | | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 11,711.24 | 8,100.00 | 8,262.00 | 8,427.24 | 24,789.24 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 148,873.38 | 147,813.00 | 150,769.26 | 153,784.65 | 452,366.91 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 10,366.20 | 4,200.00 | 4,284.00 | 4,369.68 | 12,853.68 |
| 3200 | Taħriġ | 870.00 | | | | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 12,693.30 | 14,200.00 | 14,484.00 | 14,773.68 | 43,457.68 |
| 3600 | Gwardjani Lokali | | | | | |
| 3400 | Spejjez oħra li jinqalgħu | 28.89 | 250.00 | 255.00 | 260.10 | 765.10 |
| | | **228,048.32** | **235,013.00** | **239,713.26** | **244,507.53** | **719,233.79** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjetà | | | | | |
| 7100 | Bini | | 75,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 95,000.00 |
| 7200 | Titjib | 499.00 | 1,800.00 | 1,800.00 | 1,800.00 | 5,400.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | | | | | |
| | | **499.00** | **78,300.00** | **13,300.00** | **13,300.00** | **104,900.00** |
| | TOTAL | **304,812.52** | **396,933.00** | **338,173.66** | **344,539.13** | **1,079,645.79** |

## 5.4 Noti

Dhul - Il-Kunsill qed jassumi li d-dhul normali mill-Gvern Ċentrali se jibqa' l-istess matul dawn it-tliet snin.

Dhul minn kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet u minn interessi bankarji mistenni li ma jinbidilx. matul it-tlett snin. Dhul generali mistenni wkoll jibqa' l-istess matul dawn it-tlett snin.

Infieq - L-ispiża fuq salarji u pagi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali huma mistennija li jizdiedu b' 2 fil-mija ghas-sena finanzjarja 2012 u bl-istess ammont fis-sena 2013.

- L-ispiza totali fuq manutenzjoni u xogholijiet ohra mistennija li jiżdiedu b'2 fil-mija matul is-sena 2012 u bl-istess ammont fis-sena finanzjarja 2013.
- L-ispiża kapitali tiddependi fuq ir-riżorsi finanzjarji li jibqaghlu l-Kunsill wara li jinqatghu l-ispejjeż l-ohra.

## 6.0 Zvilupp Kapitali

### 6.1 Stima ta' Zvilupp Kapitali ghal tlett snin

| Nru. tal-Kont<br>Nru. tal-Progett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2011 | | 2012 | | 2013 | | 2011-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur | PROGETT<br>Eur |
| 7001 | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| 7100 | **Bini/Kostruzzjoni**<br>Asfaltar tat-toroq | 75,000.00 | 75,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 95,000.00 |
| 7200 | **Titjib**<br>Titji urban bhal bankijiet,<br>Ghamara ghall-Ufficcju tal-Kunsill<br>Sinjali godda tat-traffiku | 1,800.00 | | 1,800.00 | | 1,800.00 | | 5,400.00 |
| 7300 | **Makkinarju u Apparat**<br>Apparat ghall-Ufficcju tal- Kunsill | 1,500.00 | | 1,500.00 | | 1,500.00 | | 4,500.00 |
| 7500 | **Progetti Specjali** | | | | | | | |
| | **Total Progetti Godda** | 78,300.00 | | 13,300.00 | | 13,300.00 | | 104,900.00 |

### 6.1 Noti fuq l-Infiq Kapitali:

## 6.3 Dettalji dwar Proġetti ta' zvilupp Kapitali

**Progetti**

1. Il-Kunsill qiegħed jagħti l-asfalt u jagħmel bankini godda lil diversi toroq fil-lokalita'. Dawn huma Triq Duncan, Triq San Guzepp, Triq il-Wilga, Parti minn Xatt is-Sajjieda, Triq iż-Żejtun, Parti minn Triq l-Imriekeb u Triq il-Kavallerizza bi spiza approssimattiva ta' madwar € 123 000. Dan ser jigi kkumplimentat b'xogħol fuq il-mejnijiet ta' l-ilma u d-drenagg mill-*Water Services Corporation* bi spiża ulterjuri ta' €61 511

2. Il-Kunsill qiegħed jippjana illi matul l-2011 iwettaq proġett illi jikkumplimenta lil dak tal-Gvern Centrali f'Xatt is-Sajjieda permezz ta' funtana li mistennija tqum lill-Kunsill Lokali aktar minn €58000.